11 ta' Marzu, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Cassar Parnis *versus* Gustavo Soler ne.

**Sentenza — Nullità — Nuqqas ta' Menzjoni ta' l-Eċċezzjonijiet tal-Konvenut — Art. 216 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*In-nullitajiet jistgħu jkunu jew dikjarati "expressis verbis" jew le. Bħala regola ġenerali, il-liġijiet u d-dottrina, u l-liġi tagħna in partikulari, ma jiffavorux in-nullitajiet, iżda jipproponu kemm jista'*

*jkun għat-teżi tal-validità ta' l-att li jkun hemm diskussjoni fuqu.*

*Anki fejn in-nullità hija dikjarata espressament mill-liġi, hija ma topera qatt weħedha b'mod li, jekk l-att ikun sentenza, tneqqas "motu proprio" l-karattru ta' ġudikat ta' dik is-sentenza; imma huwa meħtieġ li dik in-nullità tiġi proposta mill-interessati fi żmien utili u b'wieħed mill-mezzi li trid u bies tirrikjedi l-liġi.*

*Meta s-sentenza tgħaddi f'ġudikat għax ma tiġix appellata jew ritrattata, jew għaliex, jekk appellata jew ritrattata, tiġi konfermata, hija ssir irrevokabili; u ma jkunx aktar leċitu li tinfetaħ diskussjoni fuqha, lanqas jekk tkun, forsi, inġusta.*

*Għax il-leġislatur jagħti lil kull interessat f'dik is-sentenza l-mezzi biex iwaqqagħha bħala nulla; u jekk huwa ma jużax dawk ir-rimedji ma għandux għalfejn jilmenta mill-inflessibilità tal-prinċipju ta' l-irrevokabilità tal-ġudikat. U lanqas ma jista' jallega li ma kienx jaf bil-prolazzjoni tas-sentenza, għax kien dmiru li jsegwi l-kawża fid-diversi differimenti tagħha; u jekk ma kienx hekk diliġenti, "imputet sibi".*

*Għaldaqstant, ladarba s-sentenza tkun saret irrevokabili, ma hemmx lok li l-Qorti tidħol fil-kwistjoni ta' l-allegata nullità tas-sentenza fuq il-motiv ta' nuqqas ta' menzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fl-istess sentenza. U dan apparti l-fatt illi s-sentenza tikkonsisti veramment fid-dispożitiv, li għandu jkun intelliġibili; u jekk il-premessi tal-motivi jkunu jikkomprendu impliċitament, għalkemm mhux dettaljatament, id-daħda ta' l-eċċezzjonijiet kollha, in kwantu dawk il-motivi jkunu jirrigwardaw il-bażi ta' l-istanza, il-vot tal-liġi huwa ugwalment adempjut.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi fil-korp tas-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fit-22 ta' April 1948, fil-kawża fl-ismijiet "Gustavo Soler vs. Carmelo Caesar Parnis" (dok. A) ma ġietx magħmula ebda menzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut (attur f'din il-kawża), li kienu ġew debitament preżentati u allegati mal-proċess (dok. B); u billi b'dana l-mod is-sentenza fuq riferita tiddifetta mir-rekwiżit essenzjali impost mill-art. 216 tal-Proċedura Ċivili; u billi b'ebda mod mill-istess sentenza ma jidher li l-konvenut kien ippreżenta l-eċċezzjonijiet għat-talba ta' l-attur; u billi fi kwalunkwe azzjoni, fis-sistema tagħna. l-eċċezzjonijiet huma parti integrali tal-proċediment, u anki

jekk mhumiex sostenibili, il-ġudikant b'xi mod għandu juri li ħa konjizzjoni tagħhom; u billi l-ommissjoni tal-menzjoni ta' l-eċċezzjonijiet *fil-korp tas-sentenza timporta n-nullità ta'* l-istess sentenza; jiġi minn dina l-Qorti dikjarat u deċiż li s-sentenza fuq riferita hija nulla u bla ebda effett, kif ukoli l-atti eżekutivi kollha dipendenti minnha, għall finijiet u effetti kollha tal-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-attijiet tal-kawża jidher illi t-teżi attriċi hija bażata fuq in-nullità tas-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fit-22 ta' April 1948, fil-kawża fl-ismijiet "Gustavo Soler ne. vs. Carmelo Cassar Parnis", li kopja ufficjali tagħha markata dok. 'A' ġiet regolarment eżibita; u dana minħabba l-fatt li fil-korp tagħha ma ġiet magħmula ebda menzjoni ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attur tal-lum, allura f'dik il-kawża konvenut — eċċezzjonijiet li kienu mdaħħla ma' dak il-proċess — billi l-istess sentenza tiddifetta minn allegat difett essenzjali kif mitlub skond l-art. 216 tal-Proċedura Civili;

Tikkunsidra;

Illi l-partijiet jaqblu li s-sentenza "de quo agitur" għaddiet "in giudicato" ..............;

Tikkunsidra;

Illi huwa tajjeb li jingħad, bħala osservazzjoni ta' indoli ġenerali, li n-nullitajiet jistgħu jew ikunu dikjarati "espressis" mil-liġi, jew ma jkunux hekk dikjarati; f'liema tieni ipotesi timponi ruħha r-riċerka. Ma għandux jintnesa li bħala regola ġenerali l-liġijiet u d-dottrina, u l-liġi tagħna in partikulari, ma jiffavorux l-istess nullitajiet, anzi jippropendu għat-teżi kemm jista' jkun tal-validità ta' l-att li jkun hemm diskussjoni fuqu. Il-konċetti rigoruži tad-Dritt Ruman "in subjecta materia" kwindi ma jistgħux ikunu akkolti bil-favur, l-għaliex fid-Dritt Modern il-proċediment huwa divers, b'mod li l-espressjoni ta' dak id-Dritt, li r-Rumani ħolqu, ma jistax jifforma aktar ir-regola li għandha tkun segwita, kif igħid l-istess Mattirolo fil-paragrafu 20, wara l-paragrafu 19, Volum V tat-trattat tiegħu — liema l-aħħar paragrafu ġie biss ċitat mill-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet sabiex isostni t-teżi tiegħu. Jingħad ukoli, li anki kieku nullità tiġi dikjarata

mili-liġi, hija ma topera qatt waħedha b'mod li b'hekk, f'każ ta' sentenza, "motu proprio" tnaqqas il-karattru ta' ġudikat lis-sentenza; l-għaliex għal daka l-effett huwa meħtieġ li dik in-nullità tkun proposta mill-interessat jew interessati fiż-żmien utili u b'wieħed mill-mezzi li trid u bias tirrikonoxxi l-liġi, u mill-awtorità kompetenti, sabiex sentenzi nulli jkunu riparati, u sabiex b'hekk tiġi proklamata l-ġustizzja u l-veru (ara Mattirolo, Vol. V, idem tractatus, paragrafu 19);

Tikkunsidra;

Illi huwa risaput illi meta sentenza tgħaddi "in giudicato" — u sentenza ta' l-Ewwel Qorti tgħaddi definitivament "in giudicato" meta "finem controversiarum pronunciationem judicis accepit" (L. 1 Dig. de re judic. 42. 1), u kwindi meta jew ma tkunx appellata jew ritrattata, jew meta, anki jekk appellata jew ritrattata, tiġi konfermata u mhux revokata, salvi l-każi tar-riforma, li m'hemmx bżonn nitkellmu fuqhom — tkun xi tkun dika s-sentenza, skond id-Dritt Modern hija tiġi vestita u mlibbsa virtwalment b'karattru assolut ta'-veridiċità — "res judicata pro veritate habetur" — b'mod li, kif qal tajjeb l-awtur fin-nota tiegħu, "facit de albo nigrum" u "aequat quadrata rotundis";

Illi minn dana jitnissel illi, darba li l-kawża tispiċċa irrevokabilment, m'hemmx rimedju legali aktar biex fil-kontestazzjoni terġa' tiġi miftuħa, u mhux aktar leċitu li jiġi mitlub, negat, jew fis-sħarnett miftuħ mill-ġdid, dibattitu dwar dak li jkun ġie darba għal dejjem definit. Mhux biżżejjed li jista' jingħad li l-ġudizzju seta' kien forsi ingust, fis-sens assolut tal-kelma, sabiex dak il-prinċipju jiġi mħassar jew moderat; l-għaliex la darba l-istess sentenza tkun saret irrevokabili, hija ma tistax imbagħad titlef qatt aktar il-karattru tagħha ta' "res judicata" (ara monografija "Cosa Giudicata" ta' Giuseppe Mulnusi, para. 35);

Huwa minnu li dana l-prinċipju jista' jidher, fuq eżami superfiċjali u mill-ewwel daqqa ta' għajn, mhux ekwu, anzi inekwu; imma meta jiġi kunsidrat li l-leġislatur jagħti lil kull interessat f'dik is-sentenza l-mezzi biex iwaqqagħha bħala li tkun nulla, u dak l-interessat ma jkunx ħaseb biex jużа minn dawk il-mezzi, jew biex jisserva minn dawk ir-rimedji, jew ma jkunx irid jisserva bihom, allura l-interessat fis-sen-

tenza ma għandux aktar għalfejn jilmenta mill-konsegwenza ta' l-inflessibilità ta' dak il-prinċipju, ġa la darba kien huwa stess li ġieb fuqu dik il-konsegwenza bl-inattività tiegħu volontarja jew altrimenti, u jkun il-każ li, jekk jilmenta, baqqu li jkun rinfaċċjat bl-aforisma "damnum quod quis sua culpa sentit, sibi debet, non aliis, imputare" (Codex 86 De Regulis Juris in 6to, 5, 12);

Illi jingħad ukoll li anki sentenza kuntrarja għall-istess Ligi, jew pronunċjata minn imħallef inkompetenti, meta ma tkunx tista' tiġi aktar ritrattata, takkwista awtorità ta' "res judicata" (ara Gza. Italiana, Appell Torino 21 ta' Marzu 1863, fl-ismijiet Gallareti vs Vegis, Vol. XV, P. II, pag. 244; u Kassazzjoni Napoli 30 ta' Jannar 1864, Regie Gabelle vs. Olivieri, Vol. XVI, P. I, pag. 306; u Kassazzjoni Palermo 24 ta' Ottubru 1865, P. M. Battaglia vs. Serio, Vol. XVII, P. I, pag. 1096; u Appell ta' Malta 17 ta' Ġunju 1927, Agostino Spiteri Bruno et. vs. Giuseppe Camilleri, Kollez. Vol. XXVI, P. 1, pag. 859);

Minn dana jitnissel illi meta l-liġi tagħti l-mezzi sabiex fl-interess tagħhom il-partijiet jagħmlu użu minnhom ħalli jwaqqgħu sentenza, anki li tkun nulla, u dawk l-istess rimedji ma jkunx fil-fatt minnhom adoperati, anzi jiġu trascurati, huma ma jistgħux jilqgħu rimedju ieħor għal daka l-fini; u dana barra milli għar-raġunijiet li ntqalu fuq għall-preżunzjoni tal-verità, li għandha jkollha setgħa u tikkopri kwalunkwe kawża ta' nullità, peress li l-kawżi għandhom ikollhom terminu u jispiċċaw xi darba;

Tikkunsidra;

Illi fuq dawna l-prinċipji fuq esposti kwindi huwa ċar li l-attur, li ħalla li dik is-sentenza tgħaddi in ġudikat, meta huwa messu u seta' kien jaf li ġiet deċiża kontra tiegħu, illum ma jistax indubbjament imur kontra l-veridiċità li hija pproklamat. Mhux validu l-argument li huwa ma kienx jaf li s-sentenza dwar dik il-kontestazzjoni kienet ġiet mogħtija, l-għaliex kien dmiru jsegwi l-kawża fid-diversi differimenti; u jekk ma kienx f'dana diliġenti, "imputet sibi" għan-negliġenza tiegħu. Lanqas, se maj għal grazzja ta' l-argument kieku tiġi aċċettata t-teżi tan-negliġenza tad-difensur tiegħu

f'dik il-kawża, ma tista' tkun ta' ebda ġjovament għalih f'din il-kawża;

Tikkunsidra;

Illi, stabbilit dan li ntqal fuq, ma hemmx lok kwindi li dina l-Qorti tgħaddi sabiex tara jekk il-fatt li ma ssaretx menzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fis-sentenza jikkostitwixxi jew ma jikkostitwixxix element essenzjali tas-sentenza li mingħu jnissel jew ma jnisselx in-nullità ta' dak il-ġudikat; u dan apparti l-fatt li s-sentenza tikkonsisti verament fid-dispożitiv tagħha, li jrid ikun intelliġibili; u jekk il-premessi tal-motivi jkunu jikkomprendu, bil-kliem li jkun użat, implicitament, għalkemm mhux dettaljatament, iċ-ċaħda ta' l-eċċezzjonijiet kollha in kwantu dawk il-motivi jkunu jirrigwardaw il-bażi ta' l-istanza li tkun proposta, il-vot talliġi kif mitlub fl-art. 216 tal-Proċedura Ċivili jkun ugwalment adempjut;

Illi huwa ġust u ekwu li jkun hemm temperament fl-ispejjeż;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba ta' l-attur. L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru għall-attur.

---